# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Frar 2002**

**Numru 2**

**Avviz. numru 1839/97mm**

**S Mifsud & Sons Limited**

**vs**

**Medcast Foundry Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fl-1 ta' Settembru 1997 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas is-somma ta' Lm676.12 ghall-servizzi rezi lilha u flus sborsati fl-interessi taghha skond invoices gia fil-pussess taghha, li kopja taghhom giet esebita in konnessjoni meta waslet merkanzija destinata ghaliha li waslet Malta fit-30 ta' Mejju 1997 fuq il-vapur *Jolly Arancione*, vjagg numru M 86 A.

B'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lilu skond il-ligi u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' konsult ammontanti ghall-Lm10 u tal-

ittra legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Annessi bhala Dok A u Dok B il-kontijiet rispettivi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

Illi l-ammont mitlub fl-avviz huwa esagerat meta wiehed iqis ir-rati miftiehma bejn il-partijiet qabel ma twasslet il-merkanzija, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet  ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza illi hemm f'din il-kawza tikkoncerna r-rati illi kellhom jigu applikati ghall-importazzjoni ta' erba  *pallets* ta' *iron castings* illi s-socjeta' konvenuta kienet ikkummisjonat lis-socjeta' attrici biex twassal sal-fabbrika taghha Hal Far. Il-partijiet mhumiex qieghdin jaqblu dwar ir-rata illi s-socjeta' attrici applikat, peress illi skond is-socjeta' konvenuta dana jmur kontra l-prassi normali ta' importazzjoni ta' hadid. Il-kwistjoni bejn il-partijiet hija dwar il-piz u l-kubacc tal-merkanzija impurtata. Normalment ir-rati jkunu

skond dawn l-ahhar zewg fatturi, imma peress illi *pallets* tal-hadid ikunu jiznu hafna, allura wiehed irid jaghmel proporzjon bejn il-kubacc u l-piz. Filwaqt illi s-socjeta' konvenuta qieghdha tippretendi illi thallas b'rata, s-socjeta' attrici pprezentat kont b'rata differenti minn dak li ppretendiet is-socjeta' konvenuta.

X'ezattament ftehmu l-partijiet qabel ma giet impurtata din il-merkanzija, mhuwiex daqshekk car, anzi huwa neboluz ghal kollox. Zgur illi s-socjeta' konvenuta rapprezentata minn Maurice Vassallo kienet talbet rati partikolari minghand is-socjeta' attrici ghall-importazzjoni ta' hadid minn Napli.

Dawn ir-rati gew mibghuta lis-socjeta' konvenuta u kopja taghhom tinsab esebita a fol 32 tal-process. Il-merkanzija li giet mpurtata pero' ma ghandha x'taqsam xejn, la mill-piz u lanqas mill-kubacc ma' din l-istima, pero' Maurice Vassallo ghas-socjeta' konvenuta ppretenda illi ghandu jhallas skond rati illi huma komunament applikati minn *"handlers"* ohra ghall-importazzjoni tal-hadid. Ma hemmx dubbju li kien hemm *misunderstanding* kbira bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta ghal dak li jirrigwarda l-*freight charges* ta' din il-merkanzija.

Din il-*misunderstanding* tista tkun dovuta ghal fatt illi Maurice Vassallo kien ghamel pressjoni kbira fuq l-iskrivana tas-socjeta' attrici sabiex il-merkanzija tigi mwassla sa l-imhazen tieghu kemm jista jkun malajr u dana l-ghaliex kellu xi xoghol ghal Gvern u penali jekk huwa ma jlestix fil-hin. Ghalhekk il-kwistjoni tal-hlas u r-rati applikati ma tantx gew diskussi fid-dettall peress illi l-aktar haga mportanti kienet li l-mekanzija titwassal fil-hin.

Minhabba din il-pressjoni, l-iskrivana tas-socjeta' attrici assumew certa responsabbiltajiet gravi sabiex jikkuntentaw lil Maurice Vassallo u jwasslulu l-merkanzija fl-imhazen. Sahansitra Massimo Schembri illi ghamel minn kollox biex jaqdi lis-Sur Vassallo spicca biex tilef l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici minhabba dan il-kaz. Haga illi ma tantx tidher illi nkwetat lis-Sur Vassallo peress illi xorta baqa jinsisti li ma jhallasx dak li talbitu s-socjeta' attrici.

Ghal dak illi huwa l-hlas mitlub, jista jaghti l-kaz illi dana jmur kontra l-prassi normali ta' l-importazzjoni tal-hadid, pero' zgur mhumiex kontra r-rati illi gew mibghuta lis-socjeta' konvenuta fuq talba taghhom stess fil-bidu nett, liema rati jinsabu esebiti a fol 32 tal-process. L-istess Maurice Vassallo a fol 35 ighid fost affarijiet ohra *"……il-verita' hi, illi r-rata li uzaw l-SMS hija l-istess rata illi kienu tawni fil-quotation originali, dik illi ma kienetx immaterjalizzat f'ordni."* Hawnhekk kien kompitu tas-Sur Vassallo illi jaccerta ruhu illi r-rati illi ser jigu applikati huma dawk li huwa jippretendi illi kellhom jigu applikati.

Jekk il-Qorti tara x-xhieda tieghu issib li hemm hafna presunzjonijiet u hafna assunzjonijiet x'kellhom ikunu dawn ir-rati. Hu stess ighid illi ma sab l-ebda record ta' kif saret l-ewwel komunikazzjoni bejnu u bejn is-socjeta' attrici u tajjeb jew hazin assuma certa rati illi fil-fatt ma gewx applikati. Minkejja li kien jaf illi l-merkanzija li kien ser jimporta ma kienetx taqbel mal-*quotation* illi kienet originarjament mibghuta lilu, dana ma talabx *quotation* gdida ghal din il-merkanzija illi kien ser igib, pero'

ppretenda illi tajjeb jew hazin  kellhom jigu applikati rati differenti. Il-Qorti jidhrilha illi hawnhekk Maurice Vassallo m'ghandhux ragun. Jekk huwa kien traskurat fil-bidu nett u ma assikurax ruhu liema rati kellhom jigu applikati, allura  ma jistax issa jippretendi illi japplika r-rati li jidhirlu hu. Jista jaghti l-kaz kif gia nghad, illi r-rati li jrid japplika huma dawk komunament applikabbli fil-kaz ta' importazzjoni ta' hadid, pero' f'dan il-kaz partikolari ma sar l-ebda ftehim illi bih setgha jintrabat parti jew ohra, ghajr il-*quotation* a fol *32* u quindi s-socjeta' attrici kienet intitolata tapplika r-rati illi jidhrilha hi li ghandha tapplika ghall-importazzjoni ta' dan il-hadid. Il-Qorti ma tridx tinsa illi s-socjeta' konvenuta baghtet ghal stima, u din l-istima giet ipprovduta u r-rati illi gew applikati f'din l-importazzjoni f'dan il-kaz partikolari jirriflettu din ir-rata illi l-istess socjeta' konvenuta kienet talbet. Hawnhekk, il-Qorti ma tara xejn hazin. Jekk is-Sur Vassallo dehrlu illi kellu jimporta merkanzija ohra li hija differenti minn dik ta' l-istima, allura messu ha l-briga li jgib *quotation g*dida u aktar dettaljata ghal dak li kien ser jaghmel. La dana ma ghamlux, ir-responsabbilta' hija tieghu u tieghu biss. Bhalma jghid id-dritt Ruman "*caveat emptor"*.

Il-Qorti jidhrilha illi Maurice Vassallo ma kienx professjonalment korrett meta huwa ghamel pressjoni kbira fuq l-iskrivana tas-socjeta' attrici biex jaqduh kemm jista jkun malajr, biex imbaghad hu stess ghamel l-intoppi u l-iskuzi biex ma jhallasx ir-rati illi gew mitluba mis-socjeta' attrici. Dan in-nuqqas ta' etika professjonali wasal ghal l-inqas telf ta' impjieg ta' wiehed

mill-iskrivani, konsegwenza diretta ta' din il-pressjoni li ghamel Maurice Vassallo u l-fiducja illi wera dan l-iskrivan fl-istess Maurice Vassallo, li minn nahha tieghu, patta din il-fiducja b'intrasigenza u arroganza illi zgur ma taghmilx tajjeb ghar-relazzjonijiet kummercjali illi ghandhom jezistu bejn zewg entitajiet tal-kalibru tal-partijiet f'din il-kawza. Ma kien hemm l-ebda raguni l-ghaliex il-partijiet ma setghux joqghodu madwar mejda u jippruvaw isolvu din il-kwistjoni bejniethom.

Hawnhekk si tratta purament ta' kwistjonijiet ta' flus illi jistghu jigu trattati b'serjeta' u b'sens ta' gustizzja favur l-istess partijiet, a beneficcju ta' l-istess partijiet. Milli jidher pero' dan ma sarx u r-responsabbilta' ghandha toqghod nettament fuq id-direttur tas-socjeta' konvenuta Maurice Vassallo li hu wara kollox ma hax il-briga li jassigura illi jkollu r-rati korretti ghal merkanzija illi kien sejjer jimporta.

Huwa inutili illi wara l-fatt jesebixxi rati ta' kumpaniji ohra li jaghmlu l-istess xoghol, liema rati huma aktar favorevoli ghalih. Dana se mai messu ghamlu qabel ma mporta din il-merkanzija u mhux wara, u l-Qorti tiskanta kif persuna illi tghid illi ghandha dawk is-snin kollha esperjenza f'dan il-qasam, qabad u ghamel bicca xoghol bhal dik minghajr ma l-ewwel assigura d-drittijiet tal-kumpanija tieghu jigu assikurati b'rati favorevoli ghaliha. La dana ma ghamlux, issa jrid jerfa l-konsegwenzi ta' ghemilu u jhallas ir-rati illi gew mitluba lilu ghal servizz illi gie moghti fuq talba tieghu stess.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallasha s-somma ta' Lm676.12 ghall-servizzi rezi lilha u flus sborsati fl-interessi taghha skond invoices gia fil-pussess tas-socjeta' konvenuta, u dana ghal merkanzija destinata ghaliha li waslet Malta fit-30 ta' Mejju 1997 fuq il-vapur *Jolly Arancione*, vjagg numru M 86 A.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit

Dep Reg